KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI TAL-LAQGHA NUMRU 75**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa. 20 ta' Settembru 2023

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa, 20 ta' Settembru 2023, fl-15:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 75.1 Talba

75.1 Il-laqgħa bdiet fl-15.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 75.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

75.2 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 75.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numri 71-74

75.3 Tressqet talba mill-Kunsillier Karl Buttigieg sabiex issir emenda żgħira f'punt numru 71.5.20 –' minflok il-kelma 'jgħaddi' għandha tinkiteb l-kelma 'jespropja' kif ukoll l-punt numru 71.5.31 fejn talab li għandu jitniżżel li hu kien irtira mill-kamra fil-ħin fejn ġie diskuss il-kors tal-bizzilla. Tressqet talba mill-Kunsilliera Valerie C Mejlak sabiex issir emenda f'punt 71.5.21 fejn talbet li għandu jitniżżel li hi kienet talbet għal estensjoni tad-double yellow lines fi Triq Papa Piu XI, Qala. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u għalhekk saru dawn l-emendi.

## 75.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

75.4.1 Reġjun Għawdex talab biex il-Kunsilli biex jilqgħu għall-ġurnata tfal li ġew mill-Ukrajina. Il-Kunsill tal-Qala kien wieħed minn 8 kunsilli oħra f'Għawdex li qabel sabiex joffri ġurnata mill-isbaħ lil dawn it-tfal. Il-Kunsill ħa ħsieb li jipprovdilhom dak kollu li kellhom bżonn, ħadnihom Hondoq, dawra Kemmuna, kielu f'Hondoq stess, qattgħu ftit ħin jagħmlu l-Crafts fis-sala tal-Kunsill, ħadnihom ukoll horse riding u spiċċaw il-ġurnata b'ċena.

75.4.2 Infetħu l-applikazzjonijiet għal dawk li huma eliġibbli u jixtiequ japplikaw sabiex jużaw waħda mit-tlett Power assisted pedal cycles li għandu l-Kunsill.

75.4.3 Nirreferi għal muniti ta' 71.5.2 li sseemi t-talba għal Slow Signs li saru fi Triq il-Kunċizzjoni. Kien hemm min qal li dawn is-signs jien għamilthom quddiem il-propjeta tiegħi u għalhekk nixtieq niċċara li dawn is-Slow Signs saru fuq talba tal-Viċi Sindku u li saru mill-ħaddiema tal-MGOZ.

75.4.4 Sar iż-żbir tas-siġar tal-Oleander fi Triq l-Imġarr mill-ħaddiema ta' GEB.

75.4.5 Nirringrazzja l-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu minn qalbhom sabiex ir-raħal tal-Qala jkun wieħed nadif.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

75.4.6 Fit-23 ta' Awwissu bdew il-korsijiet tal-bizzilla li qed isiru fis-sala tal-Kunsill u se jkomplu sal-11ta' Ottubru. Dawn qed isiru mis-Sinjura Frances Buttigieg. Is-Sinjura Lisa Formosa qed titlob sabiex jerġa jiftaħ il-kors tal-mosaic u s-Sindku jaqbel li dan il-kors jerġa jiftaħ. Zid jgħid li jaqbel li għandu jsir mosaic madwar il-Qala speċjalment fir-roundabouts tal-Qala. Kien hemm qbil li dan il-kors isir.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħlasijiet li l-Kunsill jkun qed jikkommetti ruħhu għalihom sabiex isiru dawn il-korsijiet. Hija ssuġġeriet illi mis-sena d-dieħla kull għalliem li joffri kors jrid jitħallas bl-istess rata, a bażi ta' rata kull siegħa li tkun l-istess għal kulħadd. Kien hemm qbil dwar dan.

75.4.7 Beda x-xogħol fuq it-Triq 28ta' April 1688 fejn bħalissa qed isiru l-gandotti biex jinbidlu l-high tension cables. Sfortunatament kien hemm inċident fejn weġġa ħaddiem li ttieħed l-isptar MaterDei għal kura minħabba li sofra ħruq. Jinsab f'qagħda stabbli u nisperaw li jiġi għan-normal fi żmien qasir. Minħabba dan l-inċident inqata d-dawl f'diversi postijiet fil-Qala. Is-Sindku spjega li kien għalhekk li hu xtaq li x-xogħol isir fis-sajf minħabba l-periklu li x-xita ġġib magħha fejn twassal biex il-gandotti jintlew bl-ilma. Is-Sindku semma wkoll li jixtieq iserraħ ras ir-residenti ta' din it-triq li l-livell tat-triq mhux se jogħla.

75.4.8 Minħabba x-xogħolijiet fl-istess triq il-ġbir taż-żibel ma jistax isir mit-truck tal-Kuntrattur u għalhekk dan qed jinġabar mill-ħaddiema tal-kunsill li qed jieħdu ħsieb jiġbru l-boroz bit-trukk tal-kunsill kuljum.

75.4.9 Saru diversions u ġew implimentati One ways madwar il-Qala sabiex inaqqsu mill-konġestjoni fit-toroq minħabba li għaddej ix-xogħol fi triq it-28ta' April 1688. Kien hemm bżonn li nżidu aktar Signs però t-traffic flow hija waħda tajba u r-residenti kkummentaw li s-sistema qeda taħdem tajjeb.

75.4.10 Beda x-xogħol mill-ħaddiema tal-MGOZ biex isiru l-picnic tables fil-gazebos ta' Ġnien il-Familja.

75.4.11 Il-Ministeru Għal Għawdex se jkun qed jipprovdi l-ħaddiema sabiex jkomplu jaħdmu fuq il-ħitan f'Wied tal-Marġa u ċ-ċint ta Triq il-Barbagan.

75.4.12 Ttellgħat is-16-il edizzjoni tal-Qala International Folk Festival li kienet suċċess b'attendenza sabiħa fil-ġranet kollha. Is-Sindku rringrazzja lil kull min ta' sehmu sabiex dan il-festival seta jseħħ, b'mod partikolari lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv li ħadmet sabiex tara li kollox jimxi ħarir. Is-Sindku żid jgħid li akkumpanja lill-grupp Pollakk għal ġurnata Malta, fejn żaru l-Imdina u l-Belt Valletta, kielu u akkumpanjhom l-ajruport għal titjira tagħhom lura filgħaxija. Kellhom kliem ta' tifħir għal akkoljenza li sabu fir-raħal tagħna. Is-Sindku semma li din is-sena intalbu kwotazzjonijiet mingħand ir-restoranti kollha tal-Qala inkluż lill-Kumitat tan-Nar però



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ħafna minnhom ma pprovdewx kwotazzjoni u għalhekk mill-Qala morna għand ta' Vestru biss. L-Ikla tradizzjonali saret mill-Country Terrace u kienet ta' suċċess. Konna sodisfatti bil-kwalita' tal-ikel li ingħatajna mir-restoranti kollha.

75.4.13 Tlesta x-xogħol ta' printed cemet fir-roundabouts ta' Patri Ġuzepp Portelli u issa jmiss li jitwaħħlu l-fanali. Is-Sindku spjega li ġew ippreparati pajpijiet u wires ġodda.

Inġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-bollards. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-istimi u kien hemm qbil unanimu sabiex tintgħażel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik ta' €70 plus Vat il-waħda li hija offruta minn Urban Furniture Malta u ser jinxtraw 10 b'kollox.

Il-Bust inbarax u nżebaħ mill-ħaddiem tal-Kunsill Charlie Buttiġieġ u tlabna stima sabiex il-kliem ta' fuq l-irħama jiġi ppolixxjat. L-ispiża għal dan ix-xogħol hija ta' €70. Kien hemm qbil sabiex dan isir.

Is-Sindku rrimarka li hemm bżonn li jitranġa c-ciment tar-roundabouts u traffic islands li hemm fi Pjazza Repubblika kif ukoll li jinbidel id-dawl li hemm fuq dawn ir-roundabouts. Hemm bżonn ukoll li jinbidlu s-signs.

Is-Sindku rrakomanda wkoll li waqt li hu għaddej ix-xogħol fi Pjazza L-Isqof Mikiel Buttiġieġ jinbidel ukoll d-dawra tar-roundabout kif ukoll tat-traffic island ta' fejn il-Kunsill. Semma wkoll il-bżonn li titranġa wkoll ir-roundabout li hemm fejn ta' Ċini. Il-Kunsilliera semmew ukoll li kieku jkun aħjar jekk jitranġaw ukoll ta' Wied Simar kif ukoll it-traffic Islands li hemm ta' Grunju. Kien hemm qbil sabiex dawn isiru. Wara li jsiru jkun jista jitwaħħal id-dwal u l-fanali ġodda li diġà qegħdin il-Kunsill.

75.4.14 Is-Sindku semma li fid-29ta' Awwissu 2023, l-Prim Ministru iddikjara li l-kabinett approva d-dokumet sabiex jiġi mibdul l-pjan lokali ta' Hondoq. Kompla jgħid li laqgħa dan b'ferħ knir għax b'hekk Hondoq se jkun salvat għal dejjem. L-Awtorita' tal-Ippjanar bdew il-proċess biex jinbidel il-Pjan Lokali u b'hekk ma jsir l-ebda żvilupp.

75.4.15 Is-Sindku rrakkomanda li bħal ma jsir kull sena nieħdu lin-nies tal-Qala ġurnata Malta kif ukoll jibdew il-Coffee Mornings. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

75.4.16 Is-Sindku rrefera għal ittra li l-Kunsill irċieva dwar il-fatt li ma ħariġx stqarrija fuq l-attakk li sar fil konfront ta' persuna gay. Huwa spjega li hu personali attenda għal-Gay Parade li saret ir-Rabat u ma jsib ebda problema biex jekk hemm bżonn issir stqarrija min naħa tal-Kunsill. Il-Kunsilliera stqarrew li din ma kellux x'jaqsam fiha l-kunsill u għalhekk ma għandux jidħol fiha. Il-każ huwa f'idejn il-pulizija.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 75.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

### 75.5.1 Mingħand il-Viċi Sindku Is-Sur Ivan Cefai:

a. Ressaq suġġeriment mill-Qala Saints dwar Ġieħ il-Qala fejn jixtiequ jinnominaw lill-President Noel Mizzi. Dan għaliex ħadem ħafna sabiex il-ħolma li l-grownd jitlesta saret realta'. Is-Sur Mizzi rebaħ ukoll l-unur tas-Sena mill-Gozo Sports Complex u għalhekk jkun jixraqlu li jingħata dan l-unur. Is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ qablu ma din in-nomina. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talab li din l-item għandha titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss ħalli tingħata l-ħin tagħha sabiex tiġi diskussa u jitressqu n-nominazzjonijiet. Ġie deċiż li din l-item ser titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

b. Semma l-laqgħa li saret mar-rappreżentanti ta' TM fejn ġiet diskussa l-problema tal-aċċessibilita' minn u lejn il-Kunċizzjoni u li hu mportanti li t-trasport jkun tajjeb għat-tfal issa li se tibda l-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri li Emanuel Sciberras mill-Education ġie u flimkien mas-Sindku daru l-postijiet sabiex jassiguraw li t-trasport għal-bidu tal-iskola jimxi ħarir.

c. Semma l-bżonn li għal darba oħra, meta jsiru proġetti ta'toroq jkun għaqli li jsir preparamenti aħjar ħalli l-wires tad-dawl jinżlu kollha taħt l-art.

d. Talab li jsiru direction Signs li jindikaw direzzjoni lejn Victoria u Mgarr fit-tarf tat-triq tal-Wardija u oħra li tindika direzzjoni lejn Hondoq fi Triq il-Kunċizzjoni. Kien hemm qbil sabiex dawn isiru.

e. Fakkar li kellu jsir arblu quddiem ta' Karkanja fi Trejqa ta' Hatar kif ukoll fanal fi Triq Anton Buttiġieġ li għadu ma nbidilx. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dawn.

f. Ressaq it-talba sabiex jinżebħu s-sinjali tat-traffiku li jinsabu f'salib it-toroq ta' bejn Qala Road u Triq il-Mitħna kif ukoll sabiex issir Stop sign ġdida.

g. Ressaq it-talba sabiex jiġu estiżi s-sinjali s-sofor fi Triq ir-Rebħa, kif indika fir-ritratt preżentat.. Talba oħra sabiex isiru s-sinjali s-sofor ħdejn Misraħ Simar Blokk, ħdejn ta' Ċini Street.

h. Ressaq ukoll talba sabiex isiru żewġ tabelli – Access to Residents only fi Triq il-Belveder. Fakkar fil-Cat Crossing sign li kellha titwaħħal fi Triq Papa Piu u talab għal Cat Crossing Sign oħra biex titpoġġa fi Triq ta' Ċini.

### 75.5.2 Mill-Kunsillier s-Sur Joseph Buttiġieġ

a. Ressaq it-talba biex jerġgħu jinżebħu s-sinjali fit-toroq li bħalissa huma One Ways minħabba li ma għadhomx jidhru.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

b. Informa li l-pots mill-MGOZ li kellhom jitpoġġew ta' Grunju waslu u l-Kunsill jista jagħmel l-arranġamenti sabiex jitla jiġborhom bit-trukk tal-Kunsill. Dawn qegħdin Villa Rundle.

**75.5.3 Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

a. Staqsa jekk ġietx ordnata t-tabella l-ġdida għal Triq l-Arċipriet Anton Sultana. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li ġiet ordnata dik il-ġimgħa stess u għalhekk se tkun qed tieħu ħsieb tiċċekja f'hix waslet.

b. Fakkar dwar iż-Żebra Crossing li ilu tlett snin jgħid u jistenna biex din issir. Talab biex jekk jista jkun din issir, speċjalment meta hemm kollox approvat. Kien hemm qbil unanimu sabiex din issir. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed titkellem mal-Perit Godwin Sultana dwar dan. Kien hemm qbil li jekk hemm bżonn jitqabbad perit ieħor sabiex tkun tista ssir kemm jista jkun malajr.

c. Ressaq talba għal double yellow lines fi Triq it-tempju, fil-kantuniera mal-ITS, quddiem il-garaxxijiet.

d. Ressaq talba sabiex issir bozza f'salib it-toroq ta' bejn Qala Road u Windmill Street minħabba li bil-lejl qiegħed ikun hemm dlam ċappa. Il-Kunsillier ippreżenta ritratt li juri dalma sħiħa fis-sigħat ta' matul il-lejl. Kien hemm qbil sabiex din il-bozza ssir u għalhekk is-SE se tkun qed tara x'hemm bżonn isir min naħa tal-Enemalta.

e. Irrefera għad-diskors tas-Sindku aktar kmieni f'din il-laqgħa fejn qal li s-Sindku kellu jirringrazzja wkoll lill-Menhir Qala Folk Group għaliex huma wkoll taw sehemhom u ħadmu sabiex kull sena dan il-festival jkun jista jsir.

f. Issuġġerixxa li bħala Kunsill għandna ninfurmaw lil Planning Authority li aħna wkoll nkunu parti min din il-Konsultazzjoni u naraw li xorta jsir il-park nazzjonali. Kien hemm qbil dwar dan.

**75.5.4 Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak**

a. Ressqet it-talba sabiex jinqata l-bużbież ta' ħdejn ir-Readymix. Is-Sindku nfurmha li dak huwa f'idejn l-MGOZ.

b. Staqsiet dwar it-talba li kienet saret għal sinjali sofor fi Triq il-Wardija. Is-SE infurmata li TM talbet għal siteplan dettaljata sabiex tkun tista tiġi kkunsidrata. Qed nistennew is-site plan mingħand il-Perita.

c. Ressqet it-talba sabiex jitranġa l-gandott li tħalla fi triq il-Wardija fiż-żona ta' taħt is-central strip u dan minħabba li qed iżomm l-ilma. Is-Sindku nfurmha li dak ix-xogħol kien sar mill-ħaddiema tal-MGOZ. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak talbet sabiex almenu ssir xi ħaġa temporanja biex ma jidħolx ilma. Is-Sindku wieġeb li se jara x'jista jsir.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

d. Staqsiet għal żvilupp dwar il-petizzjoni tal-buses. Is-SE infurmatha li wara diversi reminders li ntbgħatu mill-Kunsill, kellmet lid-Direttur direttament u spjega illi kull rotta ġdida tinvolvi spejjeż kbar u għalhekk jkun irid isir studju permess ta' surveys li jkunu qed jinżammu u li juri l-użu li filfatt jkun qed isir fuq perjodu taż-żmien. Wara li dan l-istudju jkun lest jkunu jistgħu jipprovdu risposta bid-deċizzjoni tagħhom.

e. Ipproponiet li ssir Minibus minn u lejn il-Kunċizzjoni darbtejn kuljum, filgħodu u filgħaxija. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsilliera Valerie C Mejlak se tieħu ħsieb li tinfurmana bl-aħjar ħinijiet l-aktar li hi bzonnjuża.

f. Staqsiet lis-Sindku meta se jinbena l-ħajt tal-Barbaġann u hu wieġeb li qed jistenna l-ħaddiema tal-MGOZ. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak qalet li ilhom 3 snin li talbu biex dan il-ħajt isir u s-Sindku qal li dan ma huwiex minnu u se jsir skont il-prijoritajiet tal-MGOZ. Is-SE nfurmathom li ma jistax jkun li jitħalla periklu u għalhekk se tara ssibx kuntrattur privat li jista jibni dan iċ-ċint kemm jista jkun malajr. Kien hemm qbil dwar dan.

g. Staqsiet jekk sarx il-bexx ta' kontra l-insetti fil-pjazza minħabba li hemm problematal-wurdien. Is-Sindku weġibha li dan sar wara li nħasslet il-Pjazza qabel il-festa. Kompla jżid li n-nies lilu qalulu li ma hemmx wurdien.

h. Talbet sabiex tiġi nfurmata meta tkun se ssir il-laqgħa mal-Community Police għaliex tixtieq tattendi. Is-SE ħadet nota ta' dan.

i. Semmiet li l-Christmas Market isir mill-1 sat 3 ta' Diċembru u għalhekk għandha tinxtel il-Christmas tree u il-Pjazza.

j. Ressqet it-talba sabiex tiġi kkunsidrata li jsir water culvert fi triq it-28ta' April 1688 ħdejn il-mużew tal-folk, eżatt malli toħroġ mill-isqaq. Kien hemm qbil li din it-talba tgħaddi għal-kunsiderazzjoni tal-Perit. Is-SE spjegat li ovjament dan ix-xogħol jiddependi wkoll mill-ispejjeż involuti u l-possibiltajiet kontrattwali.

k. Staqsiet meta se jaslu l-bankijiet ta' ħdejn il-Barbaġan. Is-Sindku nfurmha li sa xahar ieħor jkunu lesti għaliex kellna ħafna xogħol.

l. Staqsiet min kien għamel rapport mal-pulizija dwar guesthouse fil-Qala. Is-Sindku weġibha li r-rapport kien għamlu hu personali u mhux f'isem il-Kunsill.

## 75.6 Ħruġ u għoti ta' Offerti u Rapport ta' Evalwazzjoni

75.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi l-appell li sar dwar s-sejħa għall-offerti tal-Bulky Refuse bin-numru QLLC/02/2023 ġie rtirat u għalhekk il-każ waqa.

75.6.2 Ġie ppreżentat ir-rapport ta' Evalwazzjoni kif preparat mil-bord tal-Evalwazzjoni dwar is-sejħa –'TENDER FOR THE SUPPLY, INSTALLATION, TESTING AND COMMISSIONING OF THE LIGHTING SYSTEM FOR PJAZZA SAN ĠUŻEPP QALA, GOZO'



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

b'numru ta' referenza QLLC/05/2023. Minħabba li ma kien hemm l-ebda offerta li kienet konformi, l-bord irrakkomanda li tiġi kkanċellata. Kien hemm qbil unanimu mar-rekomandazzjoni tal-bord u għalhekk ir-rapport ġie approvat. Kien hemm qbil ukoll sabiex din s-sejħa għal-offerti terġa toħroġ.

75.6.3 Is-SE infurmat lill-membri li fil-ġranet li ġejjin se jkunu qed joħroġu s-sejħa għall-offerti għal servizz ta' Open Skip kif ukoll sejħa għal servizz ta' sweeping. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 75.7 Pagamenti marbutin ma kuntratti dwar xogħolijiet ta' tisbiħ u pavimentar li sar fi Triq il-Kunċizzjoni

75.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat stampa tas-sitwazzjoni illi sabet dwar xogħlijiet u pagamenti li saru kif ukoll li baqa xi jsiru marbutin ma din it-triq. Il-Kuntratt li kien ingħata lil Gatt Tarmac Ltd kien ta' € 223,914.36 u l-kuntrattur tħallas l-ammont ta' € 271,617.48. Jirriżulta li l-kuntrattur tħallas l-ammont ta' € 41,576.55 għal xogħolijiet relatati ma bankini li saru fl-istess triq, xogħolijiet li ma kienux inklużi fit-tender u għalhekk dan ix-xogħol ma setax isir mingħajr ma tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida. L-Kunsill għandu kuntratt mal-PA sabiex jingħata s-somma ta' €42,000 għal l-istess xogħolijiet ta' bankini u li l-kunsill jidher li ma talabx għar-rifuzjoni tagħhom. Jidher ukoll li l-istess kuntrattur Gatt Tarmac Ltd, għadu jrid jippreżenta l-kontijiet pendenti għal-xogħolijiet li saru fl-istess triq, li jkopru parti mir-resurfacing, servizzi tal-ilma u dawl. Jidher ukoll li l-Kunsill għandu LA's sew mal-WSC kif ukoll mal-Enemalta però s-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li dawn ma nstabux fl-uffiċċju. Hemm ukoll kuntratt u diversi addendums li saru mall-MGOZ li jgħid li l-MGOZ se jkun qed jgħaddi l-ammont ta' € 385,090.58 lil-kunsill sabiex jitwettaq dan ix-xogħol. L-ammont ta' €223,915 diġa ġew mgħoddija lil kunsill u l-bilanċ ta' €161,175.58 jiġu mgħoddija lil kunsill mas-sottomissjoni tad-dokumenti mitluba fl-istess kuntratt datat 30 ta' Novembru 2019. Dawn id-dokumenti jistgħu jiġu sottomessi meta jkun sar il-ħlas effettiv lill-kuntrattur.

Is-Segretarju ezekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill ma jistax jħallas għal xogħol li ma kienx inkluż f'tender u li ma hemmx kuntratt għalih. Semmiet ukoll illi l-kopja tal-Kuntratt li nstab fl-uffiċċju ma hux iffirmat mis-Seg. Eżekuttiv. Fid-dawl ta' dan is-Seg Eżekuttiv infurmat lill-kamra li se tkun qed tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern lokali u tintalab direzzjoni dwar din is-sitwazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li sabet Kunsill mixi bla direzzjoni b'infiq bla kontroll u bla ebda pjan finanzjarju. Qed ssib problemi ġodda kuljum li jistgħu jwasslu għal problemi finanzjarji. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-kamra li minħabba dawn l-issues kollha, u minħabba li jidher li hemm spejjez marbutin ma proġetti li l-valur tagħhom għadu mhux magħruf, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill mhix ċara. Għalhekk hija rrakkomandat lill-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Kunsill sabiex ikun kawt fl-infieq tiegħu u għalissa jsiru biss dawk is-servizzi essenzjali (Core Services) sabiex proġetti mibdija kif ukoll dawk ta' natura urġenti jkunu jistgħu jsiru.

## 75.8 Approvazzjoni tar-risposta tal-Kunsill għall-'Management letter' tal-awdituri għas-sena finanzjarja tas-sena 2020.

75.8.1 Ġiet ippreżentata u unanimament approvata l-kopja tar-risposta tal-Kunsill għall-Manangement letter.

## 75.9 Nomina għal Deputat Segretarju Eżekuttiv

75.9.1 Ġie diskuss u unanimament maqbul li tiġi nnominata s-Sinjura Marianne Sagona (Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Kercem) sabiex isservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Qala.

## 75.10 Mozzjoni Numru 01/2023

75.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja tal-Mozzjoni li ġiet ippreżentata mill-Minority Leader, il-Kunsillier Karl Buttiġieġ u sekondata mill-Kunsilliera Valerie C. Mejlak. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qara l-istess mozzjoni u wara spjega li kienu ħafna nies li ħadmu kontra l-proġett ta' Hondoq u ma huwiex ġust li l-Kunsill ma jissemma qatt jew li s-Sindku jgħid li hu għamel referendum meta dan kien filfatt għamlu l-Kunsill li kien immexxi minn maġġoranza nazzjonalista. Is-Sindku ppreżenta kopji ta' noti ppreparati minnu li kienu jindikaw estratti minn minuti u beda jaqra l-kontro mozzjoni.

*17.45pm Daħal resident u ex-Sindku s-Sur Pawlu Buttiġieġ*

Kien hemm dizgwit fil-kamra u wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ li ġiet sekondata mill-Kunsilliera Valerie C Mejlak, l-Viċi Sindku kif ukoll l-Kunsillier Joseph Buttiġieġ qablu li s-Sur Pawlu Buttiġieġ għandu jitħalla jitkellem.

Is-Sur Pawlu Buttiġieġ ura d-dipjaċir tiegħu għal aġir tas-Sindku fil-konfront tiegħu. Spjega fid-dettal x'kien ġara fi żmien meta hu kien Sindku u kemm hu kif ukoll il-Kunsill ta' dak in-nhar kien mill-bidu nett kontra l-proġett. Spjega li kien inħoloq pressure Group u kienet ideja tiegħu li jsir ir-referendum kif kien ta l-parir li jsir. Mit-2002 sa llum kien dejjem kontra l-proġett u talab li għandha tingħad il-verita' u ma titkompliex din l-attitudni fil-konfront tiegħu. Is-Sindku insista li mhux vera li Pawlu Buttiġieġ kien kontra l-proġett u beda jaqra l-kontro mozzjoni minkejja li kien għaddej disgwit fil-kamra.

Is-Sindku rrefera għal minuta numru 14.3 meħuda minn seduta numru 19 tat-23ta' April 2002. Stqarr li l-kunsill ta dak inhar kien irċieva ittra mingħand Frank Psaila (MGOZ) datata 28ta' Frar 2002 dwar talba biex l-art ta' Hondoq ir-Rummien tiġi released. Kompla jgħid li l-Kunsill ta' dak in-nhar ma kienx sab oġġezzjoni u għalhekk dan ifisser li l-Kunsill



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

kien favur li l-art tiġi rilaxxata lil knisja. Is-Sur Paul Buttiġieġ wieġeb li ż-żmien li qed jissemma meta l-kunsill irċieva din l-itta kien qabel daħlet l-applikazzjoni tal-proġett u l-kunsill ta' dak in-nhar ma kienx sab oġġezzjoni li jagħti l-art lura lil-bdiewa li kienu jaħdmu dik l-art. L-Ex Sindku Pawlu Buttigieg talab lis-Sindku biex jieqaf iħammeġ u ħalla l-kamra.

Saru 18.30p.m. u l-Kunsillier Joseph Buttiġieġ irtira mill-kamra. Il-laqgħa tkompliet u ttieħed il-vot. Il-Kunsillier Karl Buttigieg u Valerie C. Mejlak ivvutaw favur, Il-Viċi Sindku astjena u s-Sindku vvota kontra. Il-Mozzjoni ġiet approvata u għalhekk għandha tiġi ppubblikata stqarrija hekk kif mitlub fl-istess mozzjoni.

Jingħad li ttieħed vot ukoll fuq il-kontro mozzjoni mressaq mis-Sindku Paul Buttigieg fejn is-Sindku vvota favur, l-Viċi Sindku astjena u l-Kunsillier Karl Buttigieg u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ivvotaw kontra. B'hekk il-kontro mozzjoni tas-Sindku ma ġietx approvata.

## 75.11 Applikazzjonijiet għal-Electric Pedal Cycles

75.11.1 Il-Kunsill irċieva erbgħa applikazzjonijiet għal-Electric Pedal Cycles. Applikant minnhom ser jagħlaq 18-il sena f'Ottubru 2023 u wara li saret komunikazzjoni miegħu hu kkonferma li bi ħsiebu jġib il-liċenzja malli jagħlaq 18-il sena. Fid-dawl ta' dan u peress li sakemm jiġu ppreparati l-kuntratti se jkun diġà qegħdin f'Ottubru kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jipproċedi bil-kuntratti mat-tlett applikanti l-oħra.

## 75.12 Skema Kulturali 2023/2024

75.12.1 Wara li ġiet diskussa l-attivita' kulturali għas-sena 2023/2024, u wara li ttieħdet in kunsiderazzjoni li naħsbu għal attivita' fi żmien il-Milied ġie deċiż li minflok it-talba oriġinali għal 'Family Fun Day' l-Kunsill iressaq it-talba għal-kunsiderazzjoni tad-Dipartiment Tal-Gvern Lokali sabiex tittella attivita' bl-isem 'Milied flimkien'. Kien hemm qbil unanimu li din l-attivita' tiġi proposta li ssir is-Sibt, 2 ta' Diċembru 2023.

## 75.13 Korrispondenza, Materja Amministrattivi, ilmenti u Suġġerimenti

75.13.1 Feral Pigeon Population Control Proposal. Il-proġett b'kollaborazzjoni bejn l-Exterminator u LCA ġie fi tmiemu u għalhekk irċivejna din il-proposta għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel sabiex din issir wara li nġibu l-kwotazzjonijiet.

75.13.2 Imejl mingħand Franco Vella dwar il-possibilta' ta' ikla Chef Open Air li tista ssir fi triq tal-lokalita' b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Il-membri ħadu nota ta' dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

75.13.3 Korrispondenza dwar laqgħa li se ssir fit-22ta' Settembru 2023 mar-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropew f'Malta. Din il-laqgħa se ssir iċ-Ċittadella. Il-membri ħadu nota ta' dan.

75.13.4 Talba mingħand il-Kummissjoni Festi Ġużeppini u Marjani sabiex jattendu fil-laqgħa tal-Kunsill u jiddiskutu x-xogħol u l-ko-operazzjoni ta' matul il-festa. Il-Kunsill qabel sabiex nistednuhom għal-laqgħa li jmiss.

75.13.5 Talba mingħand residenta sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jagħmel oġġezzjoni fuq PA/04643/23. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut u ma kienx hemm qbil li għandha ssir oġġezzjoni.

75.13.6 Imejl mingħand ISB Technologies dwar is-sistema ta' wifi Tech MT. Il-kuntratt eżistenti ġie terminat u għalhekk qed joffru li jiltaqgħu mal-kunsill sabiex joffru offerti għas-servizz tagħhom. Il-Kunsill ħa nota ta dan.

75.13.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat talba li l-Kunsill irċieva mingħand ESC (Effecient solution in construction) dwar it-trasportazzjoni ta materjal mill-barriera tas-Sur Gatt fil-Qala għall-Ras il-Hanżir, fil-Port il-Kbir. Il-Kuntrattur qed jitlob li f'każ ta' sitwazzjonijiet li ma jkunux previsti speċjalment dawk tal-elementi bħall-maltemp, il-vapur jitrakka f'Hondoq minħabba li hija l-aktar post fil-qrib u sigur f'każ ta' bżonn. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta li dan jitrakkaw f'kazijiet ta' emerġenza u sax-xahar ta' April 2023. Is-Seg. Eżekuttiv se tkun qed tinfurmah dwar dan.

75.13.8 Wara li saret komunikazzjoni ma' dawk ir-residenti Qalin li urew l-interess li jattendu għal kors tal-Macrame, irriżulta li n-numru ta' persuni nteressati huwa dak ta' erba' adulti u ħames itfal. Kien hemm qbil li l-kors jibda, jsir għal 8 ġimgħat u naraw x'konkorenza jkun hemm. F'każ li ma jkunx hemm attendenza stabbli l-kors ma jitkompliex.

75.13.9 Ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Banda Ite ad Joseph fejn qed jipproponu li l-ħarġa għal Birgu Fest ssir b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak spjegat li minkejja li din kienet ħarġa li pproponiet hi, ma ssibx oġġezzjoni li ssir mill-Banda minħabba li temmen li għandna ngħinu lil għaqdiet. Kien hemm qbil unanimu sabiex l-attivita' ssir b'kolloaborazzjoni flimkien u għalhekk il-Kunsill se jkun qed ikopri nofs l-ispiża relatata mat-trasport.

75.13.10 Ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqda Armar dwar il-fatt illi t-toqob tal-anterjoli tal-festa ser jinkisru minħabba x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq it-28 ta' April 1688. Għalhekk qed jitolbu li dawn it-toqob jerġgħu jsiru mill-ġdid. Il-Kunsill ħa nota ta dan.

75.13.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar ittra ta' complaint datata 9ta' Settembru 2023, li l-kunsill rċieva mingħand resident li għandu B&B fi Triq it-28ta' April 1688. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

75.13.12 Talba għal-double yellow lines fi Triq ir-Rebħa, quddiem il-propjeta 'Picia House'. Kien hemm qbil li titressaq t-talba lil TM.

75.13.12 Co-operation Agreement bejn il-Malta Libraries u l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut.

75.13.13 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li hekk kif ġie maqbul fil-laqgħat preċedenti, l-iskrivana Roseanne Azzopardi iffirmat il-Kuntratt ta' impjieg għall-perjodu ta' sena liema kuntratt jiskadi fit-22 ta' Mejju 2024 kif ukoll ingħatat l-ittra uffiċjali li tapprova t-talba għal-ħin ta' xogħol ridott. Qed jiġi ppreparat l-addendum għal-kuntratt kif ukoll il-ħlasijiet dovuti lilha hekk kif hu mitlub mid-dipartiment tal-Gvern lokali.

75.13.14 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill qed jirċievi diversi talbiet għal-permess ta' Caravans fil-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu sabiex ma jingħatawx permessi għal-Caravans.

75.13.15 Kwotazzjonijiet:

a) Intalbu u nġabbru l-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Accountant. Irċivejna tlett kwotazzjonijiet:

1- €4950 excl VAT
2- €5400 excl VAT
3- €6500 excl VAT

Kien hemm qbil unanimu sabiex tintgħażel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik ta' €4950 excl VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li hemm bżonn li jiġi updated l-fixed asset register minħabba li ilu ma jsir mis-sena 2020. Għalhekk se jkunu qed jintalbu l-kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

b) Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li rċevit il-kwotazzjonijiet għal-akkwist ta' bollards li se jitpoġġew fir-roundabouts il-ġodda fi Triq Patri Ġuzepp Portelli.

1. €1050 excl VAT
2. €700 excl VAT
3. €1760 excl VAT

c) Intalbu l-kwotazzjonijiet għal servizz ta' Payroll Software u rċivejna tnejn.

1. Talexio - €195 Exc Vat Yearly plus 1 time fixed fee of €100

2. Shireburn - €360 Exc vat Yearly plus 1 time fixed fee of €300

Kien hemm qbil unanimu sabiex tingħazel l-aktar offerta vantaġġjuza għall akkwist tal-bollards kif ukoll tas-servizz ta' Payroll Software.

d) Il-bankijiet waslu u fil-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jiġu nstallati fil-postijiet maqbula mill-Kunsill.

Hekk kif ġie maqbul b'korrispondenza li għaddiet bejn il-membri kollha, l-kunsill se jkun qiegħed jipprovdi animator għal-ewwel ġurnata tal-iskola tat-tfal li jattendu l-Iskola primarja tal-Qala. Il-kwotazzjoni hija ta' €50 għal kull ġurnata. Il-Kunsill se jkun qed iqassam lapes lil kull student. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Hekk kif ġie maqbul ukoll b'korrispondenza li għaddiet bejn il-membri kollha, l-Kunsill se jkun qed jipprovdi uffiċċjal minn TM fejn l-iskola kuljum. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li ntalbu kwotazzjonijiet lill-pulizija kif ukoll lil LESA. Minħabba li l-ispiża involuta se tkun aktar minn €5,000, s-Seg Eżekuttiv se tkun qed tressaq it-talba għall-approvazzjoni ta' Direct Order mid-DLG. Il-membri qablu unanimament li jipprovdu dan is-servizz ħdejn l-iskola biex b'hekk joffru s-sigurta lit-tfal.

e) Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex invit mingħand Angelo Giochetti biex jattendi għal konferenza f'Cipru. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-kamra li l-Kunsill ma kienx rċieva invit.

75.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

75.14.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 8/2023 għal perjodu ta' bejn id-9ta' Awwissu 2023 u l-20ta' Settembru 2023 li tammonta għal €41,664.51 ġiet approvata u ffirmata. Minn din l-iskeda ġew ikkanċellati pagamenti dovuti lil Sultech & Co u lil TC Cleaning sabiex tintalab direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar tali pagamenti.

Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xhur ta' Awwisu u Settembru. Dawn ġew unanimament approvati.

75.15 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

75.15.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19.10pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023, fl-4:30pm, b'aġenda li tiġi kkomunikata aktar il-quddiem.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt